*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# Inawgurat 5-A-Side pitch u l-faċilitajiet ta' parkeġġ fil-Gozo Stadium

Nhar il-Ħadd 9 ta' Jannar 2011 saret iċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-*5-A-Side pitch* u l-faċilitajiet ta' parkeġġ fil-*Gozo Stadium*. Iċ-ċerimonja bdiet b'diskors minn Alvin Grech, President tal-*Gozo Football Association* fejn qal li l-inawgurazzjoni ta' dan il-*pitch* għandha sservi għal diversi objettivi ewlenin, fosthom huwa t-taħriġ tat-timijiet kollha li tħaddan l-Assoċjazzjoni u minn naħa l-oħra il-parkeġġ kien vitali għall-funzjonijiet tal-GFA. Illum il-*Gozo Stadium* għandu iktar sigurtà u aċċessibbiltà. Huwa semma li f'dawn l-aħħar sentejn sar xogħol intensiv illi ta dehra kompletament ġdida lil dan l-i*Stadium*. Dan



kollu sar b'ħidma għaqlija u minkejja li d-diffikultajiet ma kinux żgħar, b'mod kollettiv saru passi kbar il-quddiem. B'hekk il-*Gozo Stadium* jilħaq prattikament l-i*standards* kollha rikjesti mill-UEFA, bl-objettiv ikun dak li nattiraw timijiet barranin jitħarrġu ġewwa Għawdex. B'hekk barra milli tkun qed issir kontribuzzjoni diretta sabiex insaħħu s-setttur tat-turiżmu ġewwa Għawdex, anke l-GFA tkun tista tkabbar id-dħul finanzjarju tagħha li sussegwentament dan isarraf f'aktar investiment fil-klabbs. Alvin Grech temm jgħid li dan kollu kien possibbli bl-għajnuna ta' ħafna nies u entitajiet, fosthom tal-Ministri Ġiovanna Debono u Tonio Fenech, ta' Norman Darmanin Demajo u sħabu tal-MFA, tal-Periti Ludovigo Micallef u Anġlu Portelli u ta' sħabu l-uffiċjali tal-GFA b'mod speċjali Joe Bajada u George Cini.

Wara sar messaġġ minn Norman Darmanin Demajo, President tal-*Malta Football Association* fejn beda biex qal li jħoss sodisfazzjon li jinsab f'Għawdex, gżira li tant tiġbdu għax għal iktar minn għoxrin sena għandu t-tieni dar tiegħu. Huwa qal li dan il-proġett għandu jgħin lil bosta żgħażagħ u klabbs fit-taħriġ tagħhom. Huwa semma li l-*Gozo Stadium* qiegħed dejjem ikun attrezzat għall-livelli rikjesti mill-UEFA u dan issa jagħmilha possibbli biex fil-futur qarib anke xi logħbiet internazzjonali jerġgħu jirritornaw f'Għawdex. Huwa qal li hija x-xewqa tiegħu li l-klabbs kollha jkollhom il-faċilitajiet tagħhom u għal dawk il-klabbs li għad n'għandhomx, għandha tinstab xi formola ta' kif dawn b'għajnuna kollettiva jirnexxielhom finalment huma wkoll ikollhom il-faċilitajiet tagħhom. Darmanin Demajo saħaq fuq din in-neċessità li kull klabb ikollu l-faċilitajiet tiegħu u l-ewwel investiment ta' kull klabb għandu jkun immirat għal dan. Huwa feraħ lil GFA għal dan il-proġett, kif ukoll radd ħajr lil dawk kollha li offrew l-għajnuna tagħhom fit-twettieq ta' dan il-proġett.

L-aħħar messaġġ sar mill-Ministru għal Għawdex Ġiovanna Debono li semmiet kemm huwa ta' sodisfazzjon li tinsab preżenti għall-inawgurazzjoni ta' iktar faċilitajiet u xogħol ta' titjib fil-*Gozo Stadium* li huwa ikona ewlenija fil-qasam tal-isport fil-gżira Għawdxija. Il-Ministeru għal Għawdex jirrikonoxxi l-importanza ta' dan is-sit li ra l-bidu tiegħu fuq grawnd bir-ramel u li b'ħidma kontinwa dan illum jipprovdi faċilitajiet moderni u ta' livell. Hija semmiet l-involviment tal-Ministeru għal Għawdex f'titjib ta' diversi faċilitajiet mhux biss fil-*Gozo Stadium* iżda anke fi grawnds oħra mferrxa ma' Għawdex. Dan il-*5-A-Side Pitch* ser joffri servizzi miżjuda lill-klabbs kollha Għawdxin. Anke il-faċilitajiet ta' parkeġġ li jakkomoda madwar 75 vettura ser jaqdu l-ħtieġa tad-dilettanti sportivi. Hawn wieħed jinnota b'sodisfazzjon li l-faċilitajiet qed isiru dejjem ta' livell għoli u dan għandu jattira wkoll timijiet Maltin u anke barranin fih, kif fil-fatt sar f'Ġunju li għadda bl-organizzazzjoni internazzjonali tal-*VIVA World Cup*. Hija qalet li dan kollu għandu jgħin biex jitjieb anke t-turiżmu sportiv f'Għawdex. Il-Ministru Giovanna Debono temmet tgħid li filwaqt li tifraħ lil dawk kollha li kkontribwew għal dawn il-faċilitajiet il-ġodda, hija qalet li dan huwa pass ieħor u bis-saħħa tal-kollaborazzjoni kontinwa bejn il-partijiet kollha, fil-futur qarib nerġgħu niltaqgħu biex intejbu dan l-i*Stadium* li huwa l-qalb ta' l-isport f'Għawdex.



Wara sar il-kxif tal-irħama kommemorattiva mill-Ministru Ġiovanna Debono, Norman Darmanin Demajo u Alvin Grech. Dawn il-faċilitajiet il-ġodda kienu mbierka minn Fr. Joe Borg, MSSP. Imbagħad saret *kick off* simbolika fejn mat-tisfira ta' Joe Bajada, Segretarju Ġenerali tal-GFA, Alvin Grech qassam lejn Norman Darmanin Demajo fejn dan kompla għadda l-ballun lil Ministru Giovanna Debono.